**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 371/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Francis Vassallo**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Francis Vassallo**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 93055(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. bejn it-13 ta' April 2020 u fix-xhur ta' qabel bħala propjetarju u/jew amministratur tal-fond Louisa Hair Spa Concept, Triq Santa Marija, Għaxaq li jinsab biswit ir-residenza 2, Symphony, Triq Santa Marija, Għaxaq, b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru 'l istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula

> b'riżoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa għamel użu ta' konsum ta' elettriku illeġittimu li tali konsum ikkommetta serq ta' kurrent elettriku liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' li jiskorri l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37 Euro) u bil-'ħin' u dan għad-dannu ta' Louisa Cesare u/jew John Paul Cesare, u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tapplika l-piena skont il-liġi tapplika wkoll il-provedimenti li hemm f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' April 2022 (*a fol.* 258 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 18, 31, 261(b),(ċ),(f), 263(a), 264, 270 u 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u kkundannatu għal ħmistax il-xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta'Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal tliet snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. L-Ewwel Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija minnha u b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li l-imputat iħallas l-ammont ta' €1,177.96 rappreżentanti spejjeż peritali.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-20 ta' April 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"1. tħassar u tirrevoka s-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni, ħtija u piena; 2. F'kull każ u sussidjarjament tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u fin-nuqqas tiġi riformata s-sentenza fil-parti li tikkonċerna l-piena nflitta.

Illi l-appellant iressaq żewġ aggravji sabiex isostni l-appell tiegħu. L-ewwel aggravju huwa maqsum f'ħames punti li kollha huma marbuta ma' l-allegat apprezzament ħażin tal-fatti minn naħa tal-Ewwel Qorti u t-tieni aggravju huwa marbut mal-piena erogata li allegatament hija waħda iebsa wisq u jingħad li jistħoqq li jkun hemm temperament fiha.

**<u>L-Ewwel Aggravju</u>**
**<u>(Apprezzament tal-provi):</u>**
Illi l-appellant isejjes dan l-aggravju fuq dawn il-ħames punti:

- L-appellant jgħid li l-pulizija naqsu milli jagħmlu d-dmir tagħhom u konsegwentement ma elevawx l-aqwa prova. Jispjega li kieku l-pulizija marru fil-ħanut tal-*parte civile* kienu jkunu jistgħu jivverifikaw jekk effettivament l-apparat fil-ħanut amministrat minn Louisa Cesare kienx effettivament mitfi. Jilmenta għan-nuqqasijiet tal-pulizija u li issa spiċċa f'dawl ikrah huwa.

- It-tieni punt imqajjem mill-appellant jorbot mat-*tape* li ġie elevat waqt il-vista li saret mill-Inġinier John Tonna mill-ġaraxx tiegħu. Jilmenta li minkejja li dan it-*tape* qatt ma ġie nvestigat, l-Ewwel Qorti xorta għażlet li tistrieħ fuqu. Isostni li kemm it-*tape* il-blu u t-tikħil għandhom jiġu skartati.

- Punt ieħor huwa marbut mal-ħsejjes ta' xogħlijiet u tqattiegħ li allegatament instemgħu ġejjin minn naħa tal-appellant. L-appellant jilmenta li minkejja li ħadd ma ra x-xogħlijiet in kwistjoni u għalhekk mhux magħruf x'kienu, l-Ewwel Qorti xorta rabtithom mal-fatt li, skont hi, hu kien qed jaħbi s-serq tal-elettriku.

- L-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li hu dejjem ikkoopera.

- Il-provi li tressqu huma kollha ċirkostanzjali u li l-Ewwel Qorti rabtet dawn flimkien sabiex tasal għall-ħtija tiegħu.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

Illi l-Qorti sejra tibda bil-punt imqajjem mill-appellant rigward ix-xogħol imwettaq mill-pulizija. Il-Qorti tifhem l-ilment tal-appellant iżda dan ma jfissirx li jekk il-pulizija ma mxewx bl-aħjar mod pero' xorta jiġi ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li hu ħati li l-Ewwel Qorti tkun għamlet ħażin li ssib din il-ħtija!

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni sabiex tara jekk minkejja l-aġir tal-pulizija, il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha *beyond reasonable doubt*.

Illi l-Qorti jirriżultalha s-segwenti:

- Louisa Cesare kienet qed tikri mingħand l-appellant il-ħanut bl-isem "Louisa Hair Spa Concept" li jinsab fi Triq Santa Marija, Ħal-Għaxaq.

- Il-kirja kienet ilha għaddejja mis-sena 2005 (Dok. "LC" – *a fol.* 50 *et seq.*). Skont klawsola 6 tal-iskrittura s-sid tal-fond *de quo* u ċioè l-appellant kellu l-obbligu li jieħu ħsieb li jiġu nstallati s-servizzi tad-dawl u l-ilma.

- Skont ir-rapport tal-Pulizija (*a fol.* 5 *et seq.*) magħmul fit-13 ta' April 2020, Louisa Cesare għalqet il-ħanut fid-9 ta' Marzu 2020 minħabba l-pandemija tal-Covid-19 u f'dan ir-rigward qalet li tfiet il-plakek kollha li kien hemm fil-ħanut u għalhekk il-konsum tad-dawl kellu jieqaf. Skont l-istess rapport, fl-10 ta' April 2020 Cesare marret sabiex tara jekk il-ħanut kienx kollox sew u nnutat li minkejja li l-plakek kienu maqlugħin, il-*meter* tad-dawl xorta kien għadu qed jimmarka konsum. Fid-

1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

depożizzjoni tagħha, Cesare tgħid li reġgħet marret fit-13 ta' April 2020 u sabet li ġie kkunsmat aktar elettriku (*a fol.* 45).

- Fuq struzzjoni tal-ARMS, Cesare għamlet kuntatt ma' *electrician* ċertu Joseph Deguara li minn naħa tiegħu permezz ta' dikjarazzjoni (*a fol.* 19) qal li fil-ħanut in kwistjoni sab *wire* tal-elettriku li kien qed imur lejn is-*shaft* li għandu aċċess għalih l-appellant. Dejjem skont ir-rapport tal-Pulizija, Cesare rrappurtat li fis-16 ta' April 2020 il-*meter* beda jaqra konsum ta' żero (0).

- Fil-21 ta' April 2020, il-pulizija ppruvat tagħmel kuntatt mal-appellant iżda ma kellhiex suċċess u sussegwentement fl-1 ta' Mejju 2020 sar dan il-kuntatt u fl-istess ġurnata l-appellant irrilaxxa stqarrija (*a fol.* 10 *et seq.*) li huwa għazel li ma jiffirmax.

- Fl-ewwel seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti u ċioè fit-28 ta' Settembru 2020 (*a fol.* 36), l-Ewwel Qorti ħatret lil Perit Valerio Schembri sabiex imur fuq il-post, iżomm aċċess u jirrelata jekk jirriżultax xi konnessjoni illegali tal-elettriku u ħatret ukoll lil Inġinier John Tonna sabiex jirrelata dwar jekk fuq il-post u mill-*meter* li jinsab fil-fond "Louisa Hair Spa Concept" kienx qed isir konsum illeċitu tal-elettriku.

- Fir-rapport (Dok. "VS" – *a fol.* 128 *et seq.*) imħejji mill-Perit Valerio Schembri, il-Perit Schembri jikkonkludi li xi żmien kien hemm konnessjoni mid-*distribution box* tal-ħanut tas-Cesare sax-*shaft* tal-appellant. Jirrelata li fil-mument tal-aċċess il-*wires* kienu mdawwra b'*tape* u kienu midfuna fil-ħajt bil-konsegwenza li ma kienx hemm konnessjoni illegali f'dak il-mument. Mir-rapport (Dok. "JT 2" – *a fol.* 172 *et seq.*) ippreżentat mill-Inġinier John Tonna ġie konkluż li xi darba mhux il-bogħod il-*wires* kienu mqabbdin ma' xi apparat jew installazzjoni. Minbarra dan, wara li għamel il-verifiki tiegħu fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma ta' Cesare jgħid li sab

diskrepanza ta' għaxar (10) units kuljum għax-xhur ta' Lulju/Awwissu 2020.

Illi dak li trid tagħmel din il-Qorti f'dan l-appell huwa li tixtarr jekk mill-evidenza li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Illi dwar l-installazzjoni tal-elettriku fil-fond in kwistjoni, l-appellant qal hekk fid-depożizzjoni tiegħu: *"Ovvja, fthemna, irranġajna, dak iż-żmien kien għadu garaxx, fejn jiena għamiltilhom it-tibjid, it-tikħil, il-madum, id-dawl, l-ilma u d-drains u nfetaħ bħala fish shop. Mela, wara ftit taż-żmien il-fish shop ingħalaq"* (*a fol.* 234). Aktar 'il quddiem, l-appellant donnu jmeri lilu innifsu billi jgħid is-segwenti: *"Eżatt. Mela jien qabel it-two thousand and five (2005) qabel ma krejtu għidtilkom kien garaxx u kont inrabbi l-fniek hemmhekk; u jien noqgħod fuqu dan u għamilt extractor biex l-irwejjaħ intellagħhom għal fuq il-bejt [...]"* (*a fol.* 237) u meta mistoqsi mill-Ewwel Qorti meta kien dan, wiegeb li l-*extractor* kien waħħlu hu fis-sena 2000. Meta l-appellant ġie mistoqsi dwar il-konsum tiegħu tal-elettriku, għad-domanda: *"Issa, il-kontijiet li ppreżentajt inti, għax aħna għidna li dejjem zero, bħala konsum ta' units, bqajt l-istess qabel u wara l-każ?"* (*a fol.* 240), wieġeb hekk: *"Iva bejn wieħed u ieħor, b'average, ma tista' tieħu dejjem l-istess, jiena nikkonsma d-dar bejn sitta u ten (6-10) units a day. Dak nikkonsma jien id-dar"* (*a fol.* 240).

Illi l-appellant ippreżenta wkoll il-kontijiet tad-dawl tiegħu (Dok. "FV" – *a fol.* 245) u dawn jaqraw kif isegwi:

| **Perjodu** | **Ammont dovut għal elettriku għal perjodu ndikat** | **Ammont ta' units għal perjodu ndikat** | **Units kull jum** |
|---|---|---|---|
| 14.12.2019 sa 12.2.2020 | €29.42 | 281 + 95: 376 | 6.27 |
| 13.2.2020 sa 13.4.2020 | €30.05 | 287 + 130: 417 | 6.95 |
| 14.4.2020 sa 12.6.2020 | € 36.92 | 348 + 216: 564 | 9.56 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 13.6.2020 sa 14.8.2020 | € 24.92 | 238 + 180: 418 | 6.74 |
| 15.8.2020 sa 14.10.2020 | € 21.67 | 207 + 191: 398 | 6.63 |
| 20.10.20 sa 15.12.2020 | €44.60 | 275 + 129: 404 | 7.21 |
| 16.12.2020 sa 13.4.2021 | €98.64 | 559 + 327: 886 | 7.51 |
| Kont nieqes | Kont nieqes | Kont nieqes | Kont nieqes |
| 12.6.2021 sa 13.8.2021 | € 59.22 | 242 + 281: 523 | 8.44 |
| 14.8.2021 sa 14.10.2021 | € 40.93 | 221 + 160: 381 | 6.25 |

Illi qabel il-Qorti tgħaddi għall-analiżi ta' dawn iċ-ċifri t'hawn fuq, il-Qorti tinnota li fid-depożizzjoni mogħtija minnu (*a fol.* 238), l-appellant xehed li huma tnejn minn nies id-dar u li tliet xhur fis-sena ma joqgħodx fil-fond *de quo* għax imur villeġġjatura. Il-Qorti tirreferi wkoll għax-xiehda mogħtija minn Cesare fejn qalet li mis-16 ta' April 2020 il-qari tal-*meter* reġa' ġie żero (0). B'hekk il-Qorti tikkunsidra li jekk l-appellant kien qed jisraq l-elettriku, wara d-data tas-16 ta' April 2020 wieħed għandu jinnota b'mod kostanti żieda fil-konsum tal-elettriku fuq il-kont tiegħu sabiex ipatti għal elettriku li ma kienx baqa' jisraq.

Illi minn analiżi taċ-ċifri fuq indikati jirriżulta li b'eċċezzjoni ta' perjodu l-konsum tal-appellant qabel is-16 ta' April 2020 u wara s-16 ta' April 2020 baqa' pjuttost simili b'dan illi l-Qorti żżid tgħid li f'dak il-perjodu l-pajjiż kien maħkum bil-pandemija tal-Covid-19 u n-nies b'mod ġenerali kienu jqattgħu ħafna aktar ħin id-dar milli barra bil-konsegwenza li setgħu jikkunsmaw aktar elettriku. Mill-kontijiet tal-appellant imkien ma' jirriżulta żieda fil-konsum ta' għaxar (10) units kuljum indikati fir-rapport tal-Inġinier Tonna (*a fol.* 177).

Illi mill-provi mressqa ma jirriżultax li l-konsum tal-elettriku tal-appellant żdied. Għalhekk hemm *lacuna* fil-provi hekk kif imressqa mill-Prosekuzzjoni.

Illi l-konsum tal-elettriku minn naħa tal-appellant ma jagħtix lok li minnu wieħed jista' jinferixxi li qabel ir-rapport ta' Cesare huwa kien qed jisraq id-dawl ġialadarba l-konsum tal-elettriku tiegħu ma sofriex varjazzjoni meta ġew imqabbla l-perjodi differenti. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li n-nuqqas ta' varjazzjoni fil-*pattern* tal-konsum tal-elettriku tal-appellant ifisser li l-provi ċirkostanzjali ma jippuntawx kollha lejn direzzjoni waħda. Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numru 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "49. Biex dawn l-indizji, jew ċirkostanzi jassumu rilevanza penali, huma jridu jsegwu ċerti regoli speċifiċi. Allura jistgħu jinqraw flimkien ma' provi diretti u ċerti. Xi drabi jistgħu jkunu importanti daqs provi diretti. Iżda fl-assenza ta' provi diretti, ċari u ċerti, il-provi indizjarji ossija ċirkostanzjali jistgħu ukoll iwaslu għal sejbien ta' ħtija. Biex dan ikun jista' jseħħ, l-indizji jrid ikollhom dawn il-karatteristiċi, iġifieri jridu jkunu:
>
> (a) (Normalment, u għalhekk mhux dejjem, u dipendenti skont in-natura tal-indizju partikolari), iżjed minn indizju wieħed (indizji plurimi),
>
> (b) tali li jipperswadu b'mod konvinċenti u ma jkunux faċilment skreditabbli (indizji gravi),
>
> (ċ) ma jagħtux lok għal interpretazzjonijiet differenti (indizji preċiżi jew univoċi), u

(d) jaqblu ma' xulxin b'mod li jikkonverġu fl-istess direzzjoni (indizji konkordanti)."

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** (Numru 179/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"13. Mill-premess, għalhekk, ma tirriżultax dik il-katina ta' ċirkostanzi univoċi li jista' jingħad li iżolatament jew komplessivament jorbtu lil xi ħadd mill-imputati inevitabilment u inekwivokabilment max-xena tad-delitt jew xort'oħra mal-kummissjoni tiegħu. Il-fatt li r-relazzonijiet bejn Booth u l-imputati setgħu ma kienux tajbin u li Booth kienet oġġezzjonat mal-awtoritajiet li jiġi sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputat ma joħolqux dik il-konkatenazzjoni meħtieġa sabiex inekwivokabilment jorbtu lill-imputati mal-kommissjoni tar-reat u ma humiex suffiċjenti sabiex jikkolmaw il-vojt fil-provi tal-prosekuzzjoni sabiex jiġġeneraw il-grad tal-prova oltre d-dubbju raġonevoli. In kwantu għall-evażivita' tal-imputat meta mistoqsi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u aspetti oħra tax-xiehda dawn jistgħu iwasslu sabiex l-imputat ma jingħatax affidament f'dawk l-aspetti tad-depożizzjoni tiegħu, u sabiex dawn jiġu skartati, iżda l-vojt fil-provi li jinħoloq b'dan il-mod ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni tal-ħtija tal-imputati fil-grad għoli rikjest mil-liġi.

14. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi inklużi dawk li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ċioè li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed

> jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-prosekuzzjoni, iżda prova sa dan il-grad ma hix biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali."

Illi dak li ngħad fiż-żewġ sentenzi hawn fuq ikkwotati japplika għal każ odjern u meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fihom u dak li ngħad aktar 'il fuq, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' l-appell interpost mill-appellant. Konsegwentement ma hemmx ħtieġa li l-Qorti tikkunsidra l-aggravju l-ieħor imressaq fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Francis Vassallo, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**